MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Rikors Numru. 58/2005

**Gourmet Company Limited**

**vs**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat fit-30 ta` Novembru, 2006 li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:

F`Ottubru, 2005 is-socjeta` rikorrenti intavolat talba quddiem l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell ghal ritrattazzjoni tal-kawza fl-ismijiet "Mariano Vella u b`digriet tal-4 ta` Marzu, 2004 stante l-mewt ta` Mariano Vella fil-mori tal-kawza l-gudizzju gie trasfuz f`isem Anthony Vella vs

Socjeta` Gourmet Company Limited" (Appell Civili Nru 250/2005) deciza fi grad ta` appell fil-11 ta' Ottubru, 2005.

Fl-14 ta` Ottubru, 2005 saret talba fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali ghall-hrug ta` mandat ta` zgumbrament nru 153/2005 kontra s-socjeta` rikorrenti in forza tas-sentenza tal-11 ta` Ottubru, 2005.

Fis-17 ta` Ottubru, 2005, is-socjeta` rikorrenti pprezentat talba quddiem l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell a tenur ta` l-artikolu 823 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u dana peress illi l-esekuzzjoni tas-sentenza ser tikkaguna pregudizzju akbar lis-socjeta` rikorrenti milli t-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tas-sentenza ser tikkaguna lill-attur.

Is-socjeta` rikorrenti pprezentat kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali, Citazzjoni Nru 101/05PC li tinsab appuntata ghas-7 ta` Frar, 2006 fl-ismijeit "Gourmet Company Limited vs Anthony Vella", li permezz taghha hija talbet lill-Qorti:

*1) Tiddikjara null u bla effett il-Mandat ta` Zgumbrament numru 153/2005 mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali.*

*2) Thassar il-Mandat ta` Zgumbrament numru 153/2005 mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali.*

*3) Tiddikjara illi s-sentenza tal-11 ta` Ottubru, 2005 fl-ismijiet Mariano Vella vs Socjeta` Gourmet Company Limited [Citazzjoni Numru 246/1996] ma ghaddietx in gudikat, stante li giet ipprezentata talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza fi grad ta` appell.*

*4) Tordna t-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tas-sentenza fl-ismijiet "Mariano Vella vs Socjeta` Gourmet Company Limited" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-13 ta` April, 1999 li giet ikkonfermata fi grad ta` appell fil-11 ta` Ottubru, 2005.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut Anthony Vella li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Dan wara li ppremettiet:

*Fl-24 ta` Ottubru, 2005 is-socjeta` attrici giet innotifikata mill-Marixxall tal-Qorti b`kopja ta` Mandat ta` Zgumbrament numru 153/2005 fl-ismijiet Anthony Vella vs Socjeta` "Gourmet Company Limited" ipprezentat fl-14 ta` Ottubru 2005, liema dokument ma fihx il-firma tal-Magistrat.*

*L-imsemmi Mandat ta` Zgumbrament inhareg abbuzivament in kwantu fis-sentenza tal-11 ta` Ottubru, 2005 ma hemm l-ebda ordni ta` zgumbrament tas-socjeta` attrici mill-fond u l-ebda terminu li fih ghandu jigi vakat il-fond.*

*Fit-talba ghall-hrug ta` l-imsemmi Mandat ta` Zgumbrament, Anthony Vella pprova isewwi n-nuqqas tieghu li fil-kawza jitlob lill-Qorti tipprefiggi terminu lis-socjeta` Gourmet Company Limited biex fih hija tizgombra mill-fond de quo. (a) billi ddikjara "illi ma gie koncess ebda terminu ghall-izgumbrament", meta fil-fatt kien hu stess li ma ressaqx talba f`dan is-sens; u (b) billi ddikjara li "l-imsemmija sentenza hija ghalhekk ezegwibbli gheluq jumejn mid-data taghha ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta", meta fir-realta` fic-citazzjoni tieghu kien hemm talba nieqsa.*

*L-ordni ta` zgumbrament ghad irid jinkiseb minn Anthony Vella minghand il-Qorti permezz ta` kawza 'ad hoc' stante li l-Qorti ghadha ma pprefiggiet l-ebda terminu qasir u perentorju biex Gourmet Company Limited tivvaka l-fond de quo.*

*Gourmet Company Limited ipprezentat rikors a tenur ta` l-artikolu 823 tal-Kap. 12 li bih talbet it-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tas-sentenza sakemm tigi deciza t-talba ghal ritrattazzjoni.*

*L-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lis-socjeta` rikorrenti milli t-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-attur, stante li dan hu kaz ta` ripresa ta` pussess ta` azjenda u business concern.*

*Kuntrarjament ghal dak li ddikjara Anthony Vella fl-imsemmi Mandat, is-sentenza tal-11 ta` Ottubru, 2005 ma ghaddietx in gudikat, stante li saret talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza fl-istadju tal-appell.*

Fil-25 ta` Ottubru, 2005 is-socjeta` rikorrenti pprezentat rikors ghas-sospensjoni ta` l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali, kemm in vista tal-kawza Citazzjoni Nru 101/05PC kif ukoll in vista tat-talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza deciza fi grad ta` appell fil-11 ta` Ottubru, 2005.

B`decizjoni moghtija fit-22 ta` Novembru, 2005 l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell cahdet it-talba tas-socjeta` rikorrenti a tenur ta` l-artikolu 823 tal-Kap. 12 u rrifjutat li taghtiha terminu biex fih tottempera ruhha billi tipprezenta garanzija ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza li l-ezekuzzjoni taghha qed jintalab li tigi sospiza.

Dan jikkontrasta ma` dak li ghamlet l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell f`kazijiet ohra.

Fl-24 ta` Novembru, 2005 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali ddegretat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti tal-25 ta` Ottubru, 2005 ghas-sospensjoni ta` l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament nru 153/2005 hekk:

*Rat ir-rikors;*
*Rat ir-risposta;*
*Rat l-atti u d-dokumenti kollha;*
*Billi ma tarax fid-dawl tad-dokumenti ezaminati li t-talba hija gustifikata.*
*Tichadha.*

Dan, avolja hemm kawza pendenti quddiem l-istess Onorabbli Qorti (Citazzjoni Nru 101/05PC) biex l-imsemmi mandat ta` zgumbrament jigi dikjarat null u bla effett.

Meta l-istess Qorti f`Ghawdex kellha quddiemha talba f`cirkostanzi identici, hija laqghet it-talba u ssospendiet il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni.

L-imsemmi digriet gie notifikat lis-socjeta` rikorrenti nhar it-Tnejn, 28 ta` Novembru, 2005, u l-marixxal tal-Qorti taha avviz illi l-ghada, it-Tlieta 29 ta` Novembru, fit-3.00p.m. kien ser jesegwixxi l-izgumbrament bl-assistenza tal-Pulizija. Sussegwentement fuq talba tas-socjeta` rikorrenti, gie koncess lilha perjodu ta` 24 siegha lilha biex telenka l-makkinarju li jrid jinhareg.

Fit-28 ta` Novembru, 2005 is-socjeta` rikorrenti pprezentat talba quddiem l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell a tenur ta` l-artikolu 229(4) tal-Kap. 12 fejn talabha biex tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha a tenur ta` l-imsemmi artikolu 229(4) tal-Kap. 12. Dan, ghar-ragunijiet segwenti:

*1. Illi waqt it-trattazzjoni orali, din l-Onorabbli Qorti semmiet 'sua sponte' il-provvediment li kien inghata ftit zmien qabel fl-appell "Kunsill Lokali Mellieha et vs Central Mediterranean Development Corporation Limited". Izda dak il-kaz kien jirrigwarda toroq li ghandhom jigu riparati jew maghmula mill-gdid f`Santa Maria Estate skond obbligazzjonijiet assunti mill-kumpanija konvenuta u li minhabba d-dewmien biex isiru x-xogholijiet ir-residenti kienu qeghdin isofru hardship. Ghall-kuntrarju, fil-kaz odjern, jekk is-socjeta` rikorrenti tkun giet zgumbrata, ma jkunx fadlilha x`taghmel ghaliex il-pregudizzju li ssofri jkun irrimedjabbli.*

*2. M'ghandhiex tinholoq l-ebda xorta ta` disparita` jew diskriminazzjoni bejn partijiet fi proceduri li jkunu f`sitwazzjoni identika. Fil-provvediment li kien inghata minn din l-Onorabbli Qorti stess fil-kawza precitata "Kunsill Lokali Mellieha et vs Central Mediterranean Development Corporation Limited" fit-18 ta` Ottubru, 2005, wara li saret riferenza ghad-decizjoni fil-kawza*

*“Albert Rizzo vs Agnes Bezzina et” tal-10 ta` Jannar, 1995, is-socjeta` CENMED inghatat zmien ragonevoli sabiex tkun tista` tottempera ruhha mal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta` l-Artikolu 823 tal-Kap. 12 Dan ghaliex il-kontemporaneita` tal-garanzija ghall-esekuzzjoni tas-sentenza “meta tinghata” mhix kundizzjoni ‘sine qua non’ ghall-esercizzju ta` l-azzjoni taht l-artikolu 823. Konsegwentement, id-disparita` fit-trattament bejn persuni fl-istess pozizzjoni hija ‘per se’ odjuza u ghandha tigi evitata.*

*3. Din l-Onorabbli Qorti qalet ukoll illi hija “kienet tikkonsidra li taghti lir-rikorrenti terminu biex tottempera ruhha kieku dan kien l-unika nuqqas izda lanqas ma hija sodisfatta din il-Qorti li l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lis-socjeta` rikorrenti milli t-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-attur”. Imbaghad, hija sostniet il-punt hekk: “billi s-sentenza in kwistjoni tikkoncerna r-ripreza ta` fond gia mikri lis-socjeta` rikorrenti, ghall-perjodu ta` ghaxar snin b`effett minn Settembru 1992 ghall-gestjoni mis-socjeta` rikorrenti ta` bar u restaurant. Illi, apparti konsiderazzjonijiet ohra, jidher li l-perjodu tal-kirja skada snin ilu u l-fond qed jinzamm maghluq b`detriment ta` sid il-kera.” Motivazzjoni bhal din iggib fix-xejn <u>aprijoristikament</u> it-talba ghal ritrattazzjoni tal-kawza fi grad ta` appell, li hemm pendenti quddiemha.*

*4. La darba tqanqal dan il-punt, huwa lecitu ghar-rikorrenti li tirrileva illi kienet l-Awtorita` ta` l-Ippjanar, illum MEPA, li fuq decizjoni ta` l-Action Committee tax-Xlendi, dahlet bil-gaffa u gibdet ix-xibka b`tali mod li gibdet gebel iehor u ghamlet hsarat kbar lill-proprjeta` tar-rikorrenti Gourmet Company Limited. Fil-fatt, hemm kawza ghad-danni istitwita mir-rikorrenti kontra l-Awtorita` ta` l-Ippjanar u l-Action Committee tax-Xlendi li tinsab differita ghas-sentenza. Mela mhuwiex minnu li r-rikorrenti zammet il-fond maghluq gost u pjacir taghha, kif qal l-attur u kif din l-Onorabbli Qorti emmnet u ppronunzjat ruhha, <u>minghajr ma kellha l-ebda provi f`dan ir-rigward quddiemha</u>.*

*5. Stante li r-rikorrenti kienet inghatat zmien biex tipprezenta kawza 'ad hoc' dwar il-validita` tal-iskrittura privata bejn il-kontendenti u fil-fatt giet ipprezentata l-kawza Citazzjoni Nru 127/96 li giet deciza fi zmien relativament recenti, ir-rikorrenti ma kienitx f`pozizzjoni li thallas il-kera lill-attur ghaliex din setghet kienet Lm100 fis-sena jew Lm4,000 fis-sena – skond min minnhom kellu ragun fil-kawza Citazzjoni Nru 127/96. Ghalhekk, ir-rikorrenti ma kellha l-ebda tort in konnessjoni man-nuqqas tal-hlas tal-kera. Difatti, malli kien hemm ezitu fl-imsemmija kawza, ir-rikorrenti ddepozitat permezz ta` Cedola ta` Depozitu nru 41/2005 is-somma ta` Lm20,000! Din hija mizmuma sakemm jigu decizi l-proceduri li ghad hemm pendenti. Izda l-attur zgur ma jistax jargumenta li d-drittijiet tieghu ma gewx adegwatament salvagwardati, ladarba saret l-imsemmija Cedola ta` Depozitu ta` Lm20,000.*

*6. Kwantu ghall-kwistjoni ta` l-Annual Returns tas-socjeta` Gourmet Company Limited, tenut kont illi nuqqas bhal dan jista` jigi sanat bl-akbar facilita`, bl-akbar rispett lejn din l-Onorabbli Qorti, dan il-punt ma kellux jinghata piz bhalma nghata. Kif intqal qabel, din l-Onorabbli Qorti kienet taf illi saret Cedola ta` Depozitu li biha gew iddepozitati fir-Registru tal-Qorti Lm20,000 favur l-attur. Ghalhekk, kif seta` jinghad illi dan in-nuqqas "johloq incertezza serja dwar il-possibilita` li l-istess kumpanija tonora l-obbligi taghha fil-konfront tas-sid il-kera kemm-il darba s-sentenza fuq imsemmija tigi konfermata"?*

*7. L-attur irid biss l-izgumbrament. Daqstantiehor, izda, ir-rikorrent ma tridx li tigi zgumbrata. Ta` l-ewwel isofri pregudizzju relattiv kemm-il darba l-izgumbrament ma jsirx ghalissa; filwaqt li ta` l-ahhar (is-socjeta` rikorrenti) issofri pregudizzju assolut u irrimedjabbli kemm-il darba l-izgumbrament isehh issa. Dan hu l-kuntrarju ta` dak li ried il-legislatur meta fassal l-artikolu 823 tal-Kap. 12. Ghalhekk, bl-ikbar rispett lejha, din l-Onorabbli Qorti ma mxietx ma` dak li ried u ordna l-legislatur.*

Sallum dina t-talba maghmula a tenur ta` l-artikolu 229(4) tal-Kap. 12 ghadha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell.

Meta, aktar kmieni din is-sena, l-Qorti kompetenti f`Ghawdex kienet giet mitluba tordna l-hrug ta` mandat ta` zgumbrament kontra s-socjeta` rikorrenti, hija kienet cahdet it-talba ghar-raguni li mis-sentenza li giet esibita ma kien jirrizulta titolu esekuttiv.

Meta ntalab il-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni nru 50/2005 kontra s-socjeta` rikorrenti, it-talba giet michuda ghar-raguni li tali mandat ma jistax jintuza biex jinkisbu l-effetti ta` mandat ta` zgumbrament.

Fis-16 ta` Gunju, 2005 kienet gietipprezentata talba fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni numru 38/2005 fl-ismijiet "Anthony Vella vs Malta Tourism Authority, Malta Environment & Planning Authority u Kunsill Lokali Munxar" biex dawn jigu inibiti milli personalment, jew permezz ta` terzi, jipprocessaw jew japprovaw kwalsiasi applikazzjoni ghal hrug ta` permessi fuq il-fond *'de quo'* fuq isem kwalsiasi persuna fizika jew morali u milli johorgu kwalsiasi permessi jew licenzji ghal gestjoni ta` xi negozju fuq dan il-fond f`isem kwalsiasi persuna.

Fit-22 ta` Gunju, 2005 Domenico Savio talab biex jintervjeni fil-proceduri, izda l-Qorti cahdet it-talba.

Fil-5 ta` Awissu, 2005 l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-hrug ta` l-imsemmi mandat ta` inibizzjoni limitatament ghall-Malta Tourism Authority.

Fil-11 ta` Awissu, 2005 is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti thassar u tirrevoka l-mandat ta` inibizzjoni nru 38/2005, u dan wara li ppremettiet:

*Illi l-persuna l-aktar milquta minn dan il-mandat u li ghandha l-akbar interess fil-fond Gourmet Bar & Restaurant u li ser isofri d-danni li dan il-mandat ser*

*jikkawza ma nstema` bl-ebda mod qabel il-hrug ta` l-imsemmi mandat.*

*Ghalhekk dan il-mandat inhareg bi vjolazzjoni palesi tal-principju 'audi alteram partem' u ma jistax ireggi.*

*L-intimata Malta Tourism Authority ma ghamlet xejn biex tiddefendi l-pozizzjoni tar-rikorrenti odjerni fir-rigward tat-talba li hija kienet taf li tikkoncerna l-aktar lil Gourmet Company Limited u lil Domenico Savio Spiteri. Fil-fatt, ma ghamlet xejn lanqas biex tiddefendi l-pozizzjoni legali taghha stess.*

*Inoltre, l-ebda rekwizit ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni ma giet sodisfatt kif trid il-ligi, difatti:*

*(1) ma kien hemm l-ebda urgenza billi ilhom ghaddejjin proceduri gudizzjarji bejn il-partijiet mill-1996;*

*(2) ma hemm l-ebda dannu irrimedjabbli li jista` jsofri Anthony Vella; ghall-kuntrarju, id-dannu ser isofruh ir-rikorrenti odjerni, u Anthony Vella ghandu rimedji ordinarji ohra li ma utilizzax;*

*(3) il-premessi li fuqhom giet ibbazata t-talba ghall-hrug tal-Mandat huma sostanzjalment bla bazi billi ghad hemm pendenti proceduri quddiem il-Qorti dwar il-lokazzjoni;*

(4) *illi mhux minnu li "l-permessi illum iddekadew" minhabba li ma thallsux il-mizati relattivi, tant illi r-rikorrenti odjerni pprezentaw Cedola ta` Depozitu numru 41/2005 tat-8 ta` Frar, 2005 li biha ddepozitaw l-ammont ta` Lm20,000, u l-meritu fil-konfront tat-talba ghall-hlas skond ic-citazzjoni huwa ezawrit, u f'kull kaz, m'hemm l-ebda sentenza finali dwar l-asserzjoni illi "l-permessi illum iddekadew"*.

*Inoltre, b`digriet tad-29 ta` Lulju, 2005 l-istess Qorti cahdet it-talba ta` Anthony Vella ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni iehor numru 50/2005 PC kontra Gourmet Company Limited u Savio Spiteri, ir-rikorrenti odjerni, biex jinzammu milli jutilizzaw ghal kwalsiasi skop, b'kull mod u*

*manjiera, jew jidhlu jew idahhlu lil terzi persuni fl-istess fond.*

*L-aktar haga nociva fl-attitudni ta` Anthony Vella huwa proprju l-fatt illi, fl-istess waqt li b`ittra ufficjali tal-20 ta` Jannar, 2005 (Dok. X anness) interpella lir-rikorrenti odjerni biex ihallsu l-kera li hu jippretendi bhala li hu dovut, bil-mandat ta` inibizzjoni numru 38/2005 PC qed izomm lill-inkwilini (li ma nghatawx smiegh) milli jutilizzaw il-fond lilhom lokat. Dan hu abbuz sfaccat ta` Anthony Vella li, meta halef li ser isofri dannu irrimedjabbli, kien qed jahlef il-falz ghax hu stess qed jitlob il-hlas tal-kera minghand ir-rikorrenti odjerni.*

*Hemm garanzija xierqa ohra skond il-ligi (cioe' l-kera) biex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta` Anthony Vella. Dan wahdu jimmerita t-thassir tal-mandat.*

*Il-lokazzjoni kummercjali ghadha fis-sehh stante illi l-kuntratt tal-1992 ghadu in vigore skond il-ligi u l-gurisprudenza. It-tgawdija tal-permess hija necessarja u indispensabbli ghat-tgawdija tal-lokazzjoni, punti dawn illi l-Malta Tourism Authority ma kienitx a konoxxenza taghhom.*

*Ma setax jinhareg mandat ta` inibizzjoni kontra l-Malta Tourism Authority biex tinzamm milli taghmel xi haga li hija kompriza fil-qadi tal-funzjoni taghha skond il-ligi, aktar u aktar billi Anthony Vella m`ghandu l-ebda 'locus standi' fir-rigward tal-hrug tal-permess mill-Awtorita` lill-applikant, li hu persuna estranea ghalih.*

*Fl-ahharnett, dan il-mandat ghandu jitnehha wkoll billi fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli skond il-ligi li jinzamm fis-sehh billi m'huwiex mehtieg jew gustifikabbli biex jikkawtela l-pretensjoni li Anthony Vella jippretendi li ghandu.*

B`digriet tat-22 ta` Awissu, 2005 l-Qorti cahdet it-talba wara li qieset illi talba taht l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12 hija disponibbli biss ghall-intimati li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih filwaqt li s-socjeta` rikorrenti ma

kienetx intimata fil-mandat ta` inibizzjoni li tieghu qed tintalab ir-revoka.

Filwaqt li s-socjeta` rikorrenti qieghda tezercita azzjonijiet li jistghu jwasslu ghal rimedji konsentiti mil-ligi ordinarja, senjatament ir-rimedju taht l-artikolu 811 tal-Kap. 12 dwar ir-ritrattazzjoni tal-kawza, u rimedji xort`ohra, mill-banda wahda, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell cahdet it-talba ghat-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tas-sentenza kif mahsub fl-artikolu 823 tal-Kap. 12 u cahdet ukoll id-dritt tas-socjeta` rikorrenti li tottempera ruhha billi tipprezenta garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza li l-esekuzzjoni taghha qed jintalab li tigi sospiza, mentri mill-banda l-ohra, l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-mandat ta` inibizzjoni nru 153/2005 sa l-ezitu tal-kawza Citazzjoni nru 101/05 PC appuntata ghas-7 ta` Frar, 2006. Konsegwentement, is-socjeta` rikorrenti mhix qed tithalla tesperixxi rimedji kontemplati fil-ligi ordinarja tal-pajjiz, u minhabba f`hekk hija ser tigi irrimedjabbilment ippregudikata bl-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament kontra taghha.

Bi ksur palesi tal-principji ‘audi alteram partem’ u smiegh xieraq, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali naqset li tisma` x`ghandha xi tghid is-socjeta` rikorrenti fir-rigward tal-hrug ta` mandat immirat biex hija tinzamm milli jkollha permess tan-negozju.

Ghalhekk, id-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti ghal smiegh xieraq, garantiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta` Malta, gew u ghadhom qeghdin jigu lezi.

Ghadaqstant is-socjeta` rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex id-drittijiet fondamentali taghha jigu protetti, senjatament billi tordna minnufih it-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament kontra s-socjeta` rikorrenti u tiddikjara illi s-socjeta` rikorrenti giet u ghadha qieghda tigi mcahhda

minn smiegh xieraq, u dan bi vjolazzjoni ta` l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u ta` l-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta, u konsegwentement thassar id-decizjoni tat-22 ta` Novembru, 2005 moghtija mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell u d-digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali tat-22 ta` Gunju, 2005, tat-22 ta` Awissu, 1005 u tal-24 ta` Novembru, 2005 u tordna l-hlas ta` kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghha.

Rat ir-risposta ipprezentata mill-intimat li in forza taghha eccepixxa illi:

1. In linea preliminari r-rikors odjern mhu xejn hlief frivolu u vessatorju u qed isir b`abbuz tal-process gudizzjarju stante li evidentament l-iskop warajh huwa tentattiv iehor minn katina ta` kawzi ntizi sabiex il-fond Gourmet Bar & Restaurant fix-Xlendi jibqa` akkost ta` kollox taht idejn is-socjeta` rikorrenti.

2. In kwantu l-meritu tar-rikors promotur huwa konness ma` dak kontenut fir-Rikors Kostituzzjonali 60/05GCD fl-ismijiet “Gourmet Company Limited vs Avukat Generali” differit ghas-7 ta` Frar, 2006 ikun opportun illi dawn iz-zewg kawzi jigu trattati flimkien;

3. L-esponent mhux edott mill-fatti li wasslu ghall-lista twila ta` kawzi u rikorsi elenkati fir-rikors promotur oltre l-fatt li jista` jkun hemm proceduri ohra konnessi mal-mertu in kwistjoni li thallew barra fir-rikors promotur.

4. Fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost ma sar ebda ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fl-ghoti tas-sentenzi u d-digrieti li taghhom qed jintalab it-thassir.

5. Is-sensiela ta` rikorsi u t-talbiet li s-socjeta` rikorrenti qed tilmenta minnhom gew ezaminati minn diversi Qrati li kollha cahdu t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghal ragunijiet validi u skond il-ligi fosthom ghax kienet is-socjeta` rikorrenti stess li naqset li tipprezenta l-garanzija mat-talba taghha (u mhux ghax il-Qorti cahditha d-dritt kif allegat),

ghax minn ezami tad-dokumetni u atti esibiti l-Qorti kkonkludiet li s-sospenzjoni tal-ezekuzzjoni tal-Mandat ta` Zgumbrament 153/2005 ma kinitx gustifikata u ghax ir-rikorrenti ittantat titlob ir-revoka ta` Mandat t'Inibizzjoni a bazi ta` procedura zbaljata.

6. Inoltre jigi rilevat illi numru ta` decizjonijiet b`ezitu negattiv ghar-rikorrenti ma jammontawx ghal ksur ta` dritt ta` smiegh xieraq.

Isegwi ghalhekk li t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat li din il-kawza imxiet kontestwalment mal-kawza fl-istess ismijiet, rikors numru 60/2005, deciza wkoll illum minn din l-istess Qorti:

Rat l-atti tal-kawza citazzjoni numru 101/2005 ipprezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, kif ukoll id-diversi atti l-ohra li ghalihom saret riferenza;

Rat l-atti kollha ta` din il-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jaqbel li, fl-ewwel lok, jinghata reassunt fil-qosor tac-cirkostanzi li waslu ghal dawn il-proceduri.  Bi skrittura tad-19 ta` Settembru, 1992, certu Mariano Vella ikkonceda lis-socjeta` rikorrenti b`titolu ta` lokazzjoni l-kumpless kummercjali maghruf bl-isem ta` "Gourmet Bar & Restaurant", gewwa Triq ir-Rabat, Xlendi, u dan versu l-kera ta` Lm4,000 fis-sena matul l-ewwel erba` snin, u Lm5,000 fis-sena matul it-tieni erba` snin.

Illi l-klawsola numru 4 ta` l-imsemmija skrittura tipprovdi illi:

*“Jekk l-inkwilin ikun moruz fil-hlas ta` kull skadenza ta` kera u jibqa` hekk moruz ghal hmistax-il gurnata minn notifika lilu ta` ittra ufficcjali li titolbu l-hlas, din il-lokazzjoni tigi xolta ipse jure, u s-sid ikun intitolat jiehu lura l-pussess ta` l-azjenda u tal-fondi fejn tinsab gestita immedjatament u minghajr htiega ta` ebda procedura gudizzjarja ulterjuri, salv dejjem id-dritt tieghu illi jithallas l-arretrati ta` kera dovuta lilu”*.

Peress li gie allegat li s-socjeta` inkwilina naqset li thallas il-kera dovuta fit-2 ta` Novembru, 1996, minkejja illi giet interpellata ghal dak il-ghan b`ittra ufficcjali debitament notifikata lilha, sid il-kera fetah kawza kontra s-socjeta` rikorrenti fejn talab ix-xoljiment tal-kirja u l-izgumbrament tas-socjeta` konvenuta mill-fond in kwistjoni. Dik il-kawza (Citazzjoni nurmu 246/96) giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-13 ta` April, 1999, laqghet it-talbiet ta` sid il-kera, iddikjarat illi l-lokazzjoni stipulata bis-sahha tal-iskrittura tad-19 ta` settembru, 1992, hija xolta minhabba n-nuqqas tas-socjeta` rikorrenti li thallas l-iskadenza tal-kera dovuta fit-2 ta` Novembru, 1996, u awtorizzat lill-attur li jirriprendi l-pussess tal-azjenda.

Is-socjeta` rikorrenti ressqet appell minn dik is-sentenza, izda l-Onorabbli Qorti tal-Appell, b`sentenza moghtija fil-11 ta` Ottubru, 2005, cahdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza ta` prim istanza.

Saret talba ghar-retrattazzjoni tal-kawza quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, liema talba giet michuda b`sentenza tat-28 ta` Marzu, 2006.

Fil-frattemp, u wara s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-11 ta` Ottubru, 2005, u precizament fl-14 ta` Ottubru, 2005, sid il-kera talab u ottjena l-hrug ta` mandat ta` zgumbrament (numru 153/05) kontra s-socjeta` rikorrenti. Wara l-hrug ta` dan il-mandat, is-socjeta` rikorrenti resqet it-talba ghar-retrattazzjoni, kif ukoll talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni as-sentenza, u kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri (Citazzjoni nurmu 101/05) biex jigi dikjarat null u

bla effett il-mandat ta` zgumbrament numru 153/05. Ma jidhirx li saret talba taht l-artikolu 283A tal-Kap. 12 ghat-thassir tal-mandat ta` zgumbrament in kwistjoni.

Fil-25 ta` Ottubru, 2005, is-socjeta` rikorrenti talbet illi, fid-dawl tal-proceduri ta` retrattazzjoni u ta` impunjazzjoni tal-mandat ta` zgumbrament, l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament jigi sospiz.

B`decizjoni moghtija fit-22 ta` Novembru, 2005, l-Onorabbli Qorti tal-Appell cahdet it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza taghha tal-11 ta` Ottubru, 2005; b`digriet tal-24 ta` Novembru, 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri cahdet it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament.

B`rikors ipprezentat fit-28 ta` Novembru, 2005, is-socjeta` rikorrenti resqet talba quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell biex, ai termini tal-artikolu 229(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, dik l-Onorabbli Qorti tikkonsidra mill-gdid it-talba taghha ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza taghha tal-11 ta` Ottubru, 2005.

Is-socjeta` rikorrenti qed titlob it-thassir tad-decizjoni tat-22 ta` Novembru, 2005, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, u tad-digriet tal-24 ta` Novembru, 2005, moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri peress li inghataw bi ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq skond kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta.

Oltre dan, is-socjeta` rikorrenti qed tilmenta minn digrieti ohra li nghataw fi proceduri ohra, ghalkemm relatati mal-fond in kwistjoni gewwa x-Xlendi. Fis-16 ta` Gunju, 2005, Anthony Vella, bhala successur ta` Mariano Vella li kien lahaq miet, talab u ottjena l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-Awtorita` Maltija tat-Turizmu biex din ma tipprocessax u lanqas tilqa kwalsiasi applikazzjoni ghal hrug ta` permessi fuq il-fond in kwistjoni. Dan il-mandat, numru 38/05, gie dikretat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fil-5 ta` Awissu, 2005.

Fit-22 ta` Gunju, 2005, Domenico Savio Spiteri kien talab biex jintervjeni fil-proceduri allura pendenti ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni numru 38/05, izda t-talba giet michuda.

Fil-11 ta` Awissu, 2005, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti t`Ghawdex thassar u tirrevoka l-mandat ta` inibizzjoni kawtelatorju ai termini tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta. Il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri b`digriet tat-22 ta` Awissu, 2005, cahdet it-talba wara li qieset illi l-procedura kontemplata fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 hija disponsibbli biss ghall-intimat li kontra tieghu jkun inhareg mandat kawtelatorju.

Is-socjeta` rikorrenti qed titlub ukoll it-thassir tad-digrieti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-22 ta` Gunju, 2005, u fit-22 ta` Awissu, 2005, peress li nghataw bi ksur tad-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq skond kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi, ghal-fini tar-rikors numru 60/05, li qed jinstema kontestwalment ma dan ir-rikors, jinghad li wara l-ftuh ta` dawn il-proceduri fit-30 ta` Novembru, 2005, is-socjeta` rikorrenti regghet talbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament (numru 153/05) minhabba l-pendenza ta` dawn il-proceduri. B`digriet tat-30 ta` Novembru, 2005, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni mitluba. B`rikors tal-1 ta` Dicembru, 2005, is-socjeta` rikorrenti talbet ir-revoka *contrario imperio* tal-indikat digriet, izda dik it-talba giet michuda mill-isess Qorti.

Is-socjeta` rikorrenti qed titlob it-thassir tad-digriet tat-30 ta` Novembru, 2005, moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri peress li nghata bi ksur tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq skond kif protett bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta.

F`kull kaz, l-ilment tas-socjeta` rikorrenti huwa bazat principalment fuq l-allegat ksur tal-principju ‘audi alteram partem’ u smiegh xieraq.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-proceduri li ghalihom saret referenza fir-rikorsi li qed jigu issa ttratati, ma jirrizultalhiex li, f`xi mument, kien hemm ksur tal-principji ta` ‘audi alteram partem’ u smiegh xieraq.  It-talbiet u l-lanjanzi tas-socjeta` rikorrenti gew kollha imressqa quddiem Qorti imparzjali u indipendenti u minnha ikkunsidrati.  Il-fatt li t-talbiet gew michuda ma jfissirx li r-rikorrenti ma inghatatx smiegh xieraq jew li t-talba taghha ma gietx ikkunsidrata.  Mhux kull talba li ssir lil xi Qorti trid bil-fors taghti lok ghal trattazzjoni orali, u diment li kull parti tinghata l-istess opportunita` biex tressaq il-kaz taghha, ir-regoli ta` smiegh xieraq ikun sodisfatti.  Biex persuna tigi *“mismugha”*, mhux mehtieg li din tinghata dejjem u f`kull kaz id-dritt li titkellem, basta li tinghata l-opportunita` li, b`xi mod, tikkomunika l-hsiebijiet taghha. Meta Qorti taqra dak li jkun kiteb parti biex jsostni l-punt tieghu, hu kien qed jinghata smiegh xieraq.  L-awtur S.A. de Smith fil-ktieb *“Constitutional and Administrative Law”*, meta jitkellem fuq il-kontenut tar-regola *‘audi alteram partem’*, jghid (pag. 571)

*“If the oral hearing is held, it may have to be adjourned where injustice would otherwise arise; a party mush not be taken by surprise, nor be deprived of a reasonable opportunity to prepare his case.  There is no fixed rule that the right to be heard means a right to be heard orally; in some situations a case can be properly put in writing”*
(sottolinear ta’ din il-Qorti)

Fil-kaz Kroska, deciz mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fid-19 ta` April, 1993, intqal li d-dritt ta` smiegh xieraq jimplika l-ezistenza ta` tribunal *“to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties”*.  Kif isir dan l-analizi hu mholli f`idejn it-tribunal, u fil-waqt li hu mistenni li fit-trattazzjoni tal-kaz li jiddetermina d-drittijiet u obbligazzjonijiet tal-partijiet, ikun hemm *“oral hearing”*, dan mhux necessarjament rikjest fid-determinazzjoni ta`

incidenti ancillari jew li jsegwu d-determinazzjoni tal-obbligazzjoni.

Jirrizulta li, f`kull kaz imqajjem mis-socjeta` rikorrenti, is-socjeta` rikorrenti giet *"mismugha"* mill-Qorti adita u nghatat l-opportunita` tressaq il-kaz taghha.  Hekk, fil-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghat-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza, dik l-Onorabbli Qorti semghet lis-socjeta` rikorrenti qabel ma tat id-decizjoni taghha tat-22 ta` Novembru, 2005.  It-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza saret skond l-artikolu 823 tal-Kap. 12, u dak l-artikolu jaghti diskrezzjoni lill-Qorti twaqqafx jew le l-esekuzzjoni tas-sentenza. F`dan il-kaz, dik l-Onorabbli Qorti semghet it-trattazzjoni u qieset li, fic-cirkustanzi, ma dehrilhix li kellha tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza.  La darba l-ligi taghti diskrezzjoni lill-Qorti l-uzu ta` dik id-diskrezzjoni ma jistax jitqies bhala vjolazzjoni ta` smiegh xieraq.  Il-fatt li parti fil-proceduri thossha aggravata bid-decizjoni ma jwassalx ghal xi ksur ta` xi dritt fundamentali.  Ma saret ebda allegazzjoni li l-gudikanti allura kompenenti l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellhom xi preferenza (*bias)* favur jew kontra xi parti, u allura l-ghoti tad-decizjoni ta` dik il-Qorti hija rizultat tal-esercizzju minnha ta` obbligu impost fuqha bil-ligi, u l-esercizzju ta` dak l-obbligu, la darba hu konformi mal-ligi, ma jistax iwassal ghal ksur ta` xi dritt fundamentali.

Is-socjeta` rikorrenti ilmentat li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma ikkonceditiliex zmien biex tottempera ruhha ma dak mitlub fl-artikolu 823(2)(a) tal-Kap. 12.  Din il-Qorti tinnota li, fl-ewwel lok, dak l-artikolu jirrikjedi li l-garanzija hemm mitluba tinghata *"flimkien mat-talba"* u mhux wara u, f`kull kaz, jekk dak l-artikolu jigi interpretat fis-sens li l-Qorti tista`, f`certi cirkustanzi tammetti garanzija pprezentata wara t-talba, dan xorta wahda ma jfissirx li dik il-koncessjoni trid tinghata f`kull kaz, izda li l-Qorti tista', jekk ic-cirkustanzi hekk jitolbu, taghti l-purgazione della mora. Din il-purgazione hija dejjem fakultativa ghall-Qorti u l-fatt li jigi muri li l-fakolta` giet ezercitata pozittivament f`zewg kawzi izda negativament f`dawn il-proceduri, ma jwassalx ghal agir diskriminatarju.  Intqal kemm-il darba li biex

jirrizulta agir diskriminatorju jrid ikun hemm trattament differenti f`kazijiet u cirkustanzi simili.

Fil-kuntest ta` deskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu ta` l-istess deskrizzjoni taghhom. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta` diskriminizzjoni *"timporta zewg elementi,u cioe`, li l-lanjant ma giex ittrattat b`certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gie jew kien gie ttrattat b`certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta` cirkostanzi pari"* – "Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta` Jannar, 1990.

Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bazata fuq deskriminazzjoni kienu gew ampiament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza fis-16 ta` Awissu, 1976, fejn dik l-Onorabbli Qorti esprimiet ruhha fit-termini segwenti:

*"Il-principju tan-non-diskriminazzjoni hu ovvjament wiehed mill-pilastri tas-sistema kollu tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali u jillumeggja dak l-aspett tar-rule of law li jipproklama l-ugwaljanza tac-cittadini kollha quddiem il-ligi. Kif esprima ruhu Gerhard Muller, President tal-Qorti Kostituzzjonali Federali tar-Repubblika Federali tal-Germanja: "it is through this very principle of equality which prohibits any arbitrary procedure and is closely related to the principle of justice itself, that the whole system of fundamental rights is given its finishing touch…". Qabel xejn, pero`, ghandu jigi nnotat li mhux kull differenzazzjoni jew dizugwaljanza ta` trattament hi per se diskriminazzjoni entro l-projbizzjoni ta` l-imsemmi artikolu 46 (illum 45). Din il-projbizzjoni, fiha nfisha ovvja u indubitabbli, giet fil-fatt ikkunsidrata mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fid-dawl tad-differenza testwali fl-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-Bniedem fejn fit-test Franciz hemm uzati l-kliem sans distinition aucune u fit-test Ingliz without discrimination, u*

*dak it-tribunal internazzjonali qal hekk: "In spite of the very general wording of the French version … Article 14 does not forbid every difference in treatment in the exercise of the rights and freedoms recognised … This version must be read in the light of the more restrictive text of the English version … In addition, and in particular, one would reach absurd results were one to give Article 14 an interpretation as wide as that which the French version seems to imply. One would, in effect, be led to judge as contrary to the Convention every one of the many legal and administrative provisions which do not secure to everyone complete equality of treatment in the enjoyment of the rights and freedom recognised. The competent national authorities are frequently confronted with situations and problems which, on account of differences inherent therein, call for different legal solutions; moreover certain legal inequalities tend only to correct factual inequalities. The extensive interpretation mentioned above cannot consequently be accepted …". Dan hu konformi ma` l-interpretazzjoni ta` diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe` l-kuncett ta` l-ugwaljanza ta` trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata … Differenzjazzjoni pero` biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont ta` l-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta` proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat".*

Dan l-insenjament jidher li gie segwit – b`varjazzjonijiet zghar li aktar jirriflettu l-fatt *ispecie* tal-kaz li jkun milli xi spostament ta` principju – f`diversi kawzi fosthom "Il-Pulizija vs Muscat", deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta` Lulju, 1989, "Borg noe vs Ministru ta` l-Affarijiet Barranin u Kultura et", deciza wkoll minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta` Mejju, 1984, "Cacopardo vs Ministru tax-Xogholijiet et", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta` Frar, 1987, "Debono Grech vs Mizzi et noe", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta` Frar, 1999, u "Agrimalt Ltd vs

Awtorita` tal-Ippjanar", deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta` Jannar, 2004.

F`dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm persuni f`sitwazzjonijiet ugwali li gew trattati b`mod differenti.

Barra minn dan, l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fid-decizjoni taghha tat-22 ta` Novembru, 2005, ma xtrahietx biss fuq in-nuqqas tal-presentata tal-garanzija, izda stqarret li, fil-fehma taghha, lanqas ma hi sodisfatta li kienu jirrikorru c-cirkostanzi kontemplata fl-artikolu 823(2)(b). Fil-fatt, L-Onorabbli Qorti tal-appell osservat:

*"Illi din il-Qorti kienet tikkonsidra li taghti lir-rikorrenti terminu biex tottempera ruhha kieku dan kien l-uniku nuqqas izda lanqas ma hija sodisfatta din il-Qorti li l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lis-socjeta` rikorrenti milli t-twaqqif ta` l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-attur u dana billi s-sentenza in kwistjoni tikkoncerna r-ripreza ta` fond gia mikri lis-socjeta` rikorrenti, ghall-perjodu ta` ghaxar snin b`effett minn Settembru, 1992 ghall-gestjoni mis-socjeta` rikorrenti ta` bar u restaurant"*.

Fil-fehma ta` dik l-Onorabbli Qorti, ic-cirkustanzi kienu juru li jekk l-esekuzzjoni tas-sentenza tigi sospiza, kienet tohloq pregjudizzju akbar lis-sid il-kera, milli l-esekuzzjoni setghet tohloq lis-socjeta` rikorrenti. L-esercizzju li ghamlet dik l-Onorabbli Qorti ghamlitu wara apprezament tal-fatti kif kienu quddiema, u jekk persuna titqieghed, b` decizjoni, in-naha hazina ta` dik id-decizjoni, ma jfissirx li kien hemm xi ksur ta` smiegh xieraq. L-Onorabbli Qorti tal-Appell semghet lill-partijiet u ezaminat l-atti li kellha quddiema, u a bazi tal-konsiderazzjonijiet minnha maghmula applikat il-ligi u, kif kien fil-poter taghha li taghmel, irrifjutat li tissospendi l-esekuzzjoni tas-sentenza. Il-fatt li, f`dan il-kaz, l-applikazzjoni tal-ligi giet kontra s-socjeta` rikorrenti, mhux cirkustanza li taghti lok ghal ghoti ta` xi rimedju straordinarju kif mitlub mis-socjeta` rikorrenti.

Is-socjeta` rikorrenti tilmenta mid-digriet tal-24 ta` Novembru, 2005, moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri li in forza tieghu cahdet it-talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament. Hawnhekk ukoll, din il-Qorti ma tirravisa ebda ksur ta-dritt ta` smiegh xieraq.  Dik il-Qorti semghet lis-socjeta` rikorrenti, semghet ukoll lill-parti l-ohra u iddecidiet li tichad it-talba.  Il-fatt li kien hemm kawza pendenti ghat-thassir tal-mandat, ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata tissospendi l-esekuzzjoni tal-mandat.

Din hi materja mhollija f`idejn il-Qorti aditta, u darba is-socjeta` rikorrenti kellha l-opportunita` tressaq il-kaz taghha quddiem il-Qorti, ma jistax jinghad li, ghax id-decizjoni tal-Qorti tohloqilha pregjudizzju, allura kien hemm ksur tal-principju *'audi alteram partem'*.  Il-pregjudizzju jew inkonvenjent li decizjoni tohloq f`parti telliefa mhiex raguni biex tigi sostnuta talba ghar-revoka ta` dik id-decizjoni, u jekk dik il-parti tinghata opportunita` fil-limiti tar-regoli procedurali, kemm dawk statutorji kif ukoll dawk moghtija mill-gudikant ghall-ahjar prosegwiment tal-process, biex tressaq il-kaz taghha, ma jistax jinghad li hemm ksur tal-principju ta` *'audi alteram partem'* (Ara "Vassallo et vs Bondin et", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta` Dicembru, 2001).  F`dan il-kaz, is-socjeta` rikorrenti inghatat din l-opportunita`, u kwindi l-Qorti ma ssib ebda ksur tar-regoli invokati.

L-istess jista` jinghad fir-rigward tad-digrieti tat-22 ta` Gunju, 2005, u 22 ta` Awissu, 2005 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri.

Fl-ewwel lok, jigi carat li d-digriet tat-22 ta` Gunju, 2005, inghata fil-konfront ta` rikors ipprezentat minn Domenico Savio Spiteri, u mhux mis-socjeta` rikorrenti f`dawn il-proceduri, u din allura m`ghandha ebda interess guridiku titlob it-thassir tieghu.  F`kull kaz, u fit-tieni lok, fiz-zewg kazi, it-talba originali saret mir-rikorrenti jew direttur taghha li allura kellhom kull opportunita` jissottomettu l-argumenti taghhom lill-Qorti.  Dik il-Qorti, wara li semghet l-argumenti tar-rikorrenti, dehrilha li ma kienux imsejsa fil-ligi u cahdithom.  Fil-kuntest tad-digriet tat-22 ta` Awissu,

2005, hu car li r-rimedju kontemplat fl-artikolu invokat, l-artikolu 836, tispetta biss lill-persuna li kontra taghha jinhareg mandat; il-kliem tal-ligi huwa car bizzejjed u ma jhalli ebda lok ghal ebda interpretazzjoni (ara “Monarch Advertising Ltd vs Baldacchino”, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta` Gunju, 2005).

L-istess ghandu jinghad fil-kuntest tad-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-30 ta` Novembru, 2005 (il-meritu tal-kawza rikors numru 60/05). Hawn ukoll it-talba saret mis-socjeta` rikorrenti li ghamlet is-sottomissjonijiet taghha. Huwa maghruf li l-fatt li parti tipprezenta rikors kostituzzjonali quddiem din il-Qorti, ma hiex ta` ostakolu ghal prosegwiment tal-proceduri l-ohra pendenti quddiem Qorti ohra; jekk il-proceduri jkunu sospizi jew le hu mholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. F`dan il-kaz dik il-Qorti ezercitat id-diskrezzjoni taghha wara li qieset it-talba tas-socjeta` rikorrenti u r-rikors kostituzzjonali li kien gie pprezentat, u dehrilha li ma kellhiex tissospendi l-esekuzzjoni tal-mandat ta` zgumbrament numru 153/05. Talba li saret mis-socjeta` rikorrenti ghar-revoka *contrario imperio* ta` dak id-digriet giet ukoll michuda mill-istess Qorti. F`kull kaz, id-decizjonijiet tal-Qorti nghataw wara li gew ikkunsidrati s-sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti. Ma jirrizultax, ghalhekk, li kien hemm xi vjolazzjoni ta` l-artikolu 89 tal-Kostituzzjoni jew tal-artikolu 6(1) tal-Kap. 319.

Fl-ahhar nett din il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka li dawn il-proceduri ma kienu xejn hlief tentattiv biex jigi ostakolat process gudizzjarju li, sa fejn kien jimmerita dawn il-proceduri, segwa iter proceduralì korrett, skond il-ligi u b`rispett lejn il-principju ta` *‘audi alteram partem’* u smiegh xieraq. Il-Qorti tirraviza fihom abbuz tal-process gudizzjarju b`tentattiv biex is-socjeta` rikorrenti, akkost ta` kollox, tipprova tibqa` fil-pussess tal-fond in kwistjoni gewwa x-Xlendi. Il-Qorti tara li l-proceduri kienu ghal kollox vessatorji u, ghalhekk, sejra tapplika l-provedimenti tal-artikolu 10 tat-Tariffa A ta` Skeda A, annessa mal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez kollha kontra taghha; b`applikazzjoni tal-artikolu 10 tat-Tariffa A ta` Skeda A, annessa mal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lis-socjeta` rikorrenti thallas lir-Registratur tal-Qrati spejjez addizzjonali ta` Lm300 (tlett mitt lira Maltin).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------